*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

---

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - Nu 60/2023 it-Tmien Leġislatura

Data: It-Tnejn, 5 ta' Ġunju 2023

Ħin: 18:00

Bdiet: 18:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella Zammit | Viċi - Sindku | Skużata |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Thomas Debattista | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Christian Pace | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Ismael Dalli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsillier | Assenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**60. 1 Ittri ta' Apoloġija**

60.1.1 Is-Sindku semma li l-Viċi Sindku, is-Sa. Darlene Vella Zammit talbet li tkun skużata mil-laqgħa minħabba impenji personali oħra. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Debattista, il-Kunsilliera preżenti qablu li kellha titniżel bħala skużata.

60.1.2 Is-Sindku semma li s-Sa. Anabelle Marmara ma nfurmatx li ma kinitx ser tattendi. Għaldaqstant, fuq proposta tas-Sindku issekondata mis-Sur Pace, is-Sa. Marmara ġiet imniżla assenti.

**60.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.59**

60.2.1 Is-Sindku ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 59 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**60.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 48**

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

60.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Thomas Debattista u s-Sur Neil Portelli ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-5 ta' Ġunju 2023 u l-25 ta' Lulju 2023 li kienet tammonta għal €56,299.39.

**60.4 Punti mill-Minuti**

| | |
|---|---|
| **60.4.1 Segretarju Eżekuttiv – Kunsill Lokali Tarxien** | Is-Sindku semma li s-sitwazzjoni kienet għadha l-istess u li l-Kunsill Lokali kien għadu ma rċeviex ir-riżenja ta-Segretarju Eżekuttiv preċidenti.<br>Is-Sindku semma li din kienet qed titħallas mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. |
| **60.4.2 Konsultazzjoni mal-għaqdiet tal-armar – Proġett tal-Pjazza** | Is-Sindku semma li dan il-proġett kien mixi. Semma li saret laqgħa fuq is-sistema ta' dranaġġ li għaddej mill-pjazza. Semma li fi żmien il-festa riedu jkomplu bż xi testijiet fit-tappira li hemm quddiem il-knisja imma kien waqqaf ix-xogħol għal wara l-festa.<br>Semma li l-każini tal-baned huma kkonsultati. |
| **60.4.3 Dawl Dekorattiv - Proġett tal-Pjazza** | Is-Sindku semma li wara li saret laqgħa mal-Periti ta' Infrastructure Malta u ma' l-espert tad-dawl, il-Kunsill kien preżentat bi proposta. Is-Sindku semma li huwa għadu mhux ċert mit-tipi ta' disinn ta' fanali li qed ikun propost li jitwaħħlu. |
| **60.4.4 Triq Kurunell Mass** | Is-Sindku semma li hemm laqgħa ma' Infrastruttura Malta sabiex isiru diskussjonijiet fuq it-triq imsemmija li jidher li sfrondat. |
| **60.4.5 Rapport Finanzjarju l-Ewwel Kwart tas-Sena 2023** | Is-Sindku semma li għaddejjin diversi laqgħat bejn id-Deputat Segretarju Eżekuttiv kif ukoll l-accountants sabiex isiru l-emendi li hemm bżonn sabiex l-accounts jiġu preżentati skond il-proċeduri u li jkunu juru stampa relali tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali.<br>Għaldaqstant semma li r-rapport finanzarju għat-Tieni Kwart tas-sena 2023 kien ser ikun preżentat aktar 'l quddiem. Semma li d-Diviżjoni hija infurmata dwar dan. |

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

**60.4.6 Laqgħa mal-ħaddiema**

Il-Sindku semma li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv żammet laqgħa ma-ħaddiema klerikali tal-Kunsill nhar it-13 ta' Ġunju 2023 fil-17:30 ġewwa l-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill fil-preżenza tal-Kunsilliera li xtaqu jattendu. Huwa irringrazzja lill-ħaddiema tal-kooperazzjoni li huma dejjem juru.

**60.4.7 Ħaddiema CWSF**

Is-Sindku semma li l-ħaddiema ta' CWSF kienet bdiet taħdem mal-Kunsill u li din bdiet tagħmel xogħol ta' customer care.

**60.4.8 Proġett restawr tal-Kappella ta' San Ġużepp**

Is-Sindku semma li l-proċess kien beda u li Restoration Department kienu ser jieħdu ħsieb sabiex japplikaw għal DNO. Semma li l-ispiża għal din id-DNO kellu jħallasha l-Kunsill.

**60.4.9 Kuntrattur – Bulky Refuse**

Is-Sindku semma li kien hemm xi problemi mal-kuntrattur il-ġdid tal-bulky refuse. Dan għaliex bdew jinqabżu xi indirizzi. Semma wkoll li kien hemm problema anki fl-attitudni tal-ħaddiema ta' dan il-kuntrattur. Is-Sindku semma li ser ikun hemm laqgħa miegħu sabiex jiġu iċċarati xi punti.

**60.4.10 Skema – Clean Up**

Il-Sindku semma li l-applikazzjoni kienet sottomessa u li qed jistennew mid-Diviżjoni jekk hux ser jieħdu fondi.

**60.4.11 Laqgħa għal Cat Feeders**

Il-Sindku semma li kien kellem lill-kunsillier responsabbli imma kien għad m'għandux risposta sabiex issir laqgħa.

**60.5 Korrispondenza mis-Sindku**

**60.5.1 Dekasteru ta' Transport**

Is-Sindku semma li wara laqgħa interna li huwa kellu mal-Viċi Sindku fuq is-suġġett, kien deċiż li danid-dekasteru jkun taħt ir-responsabbilita' diretta tal-Kunsill, sabiex huwa bħala Sindku jkun jista' jieħu azzjoni flimkien mal-Kunsilliera li jkunu jistgħu jagħtu shemhom skond il-ħtieġa.

**60.5.2 Traffic Management – One Ways**

Is-Sindku semma li kien ġie kkonsultat ma' Transport Malta sabiex mill-1 ta' Settembru 2023 isiru xi toroq bi prova bis-

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

sinjali tal-One Way. Semma li l-Kunsill kien ser jikkomunika mar-residenti permezz ta' ittra.
Anness mal-Minuti u mmarkat bħala Dok A wieħed għandu jsib pjanata ta' toroq imsemmija.

**60.5.3 SPI/SCI/4/2023 - Finanzjament - Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati**

Is-Sindku preżenta mozzjoni li kienet saret minnu u ssekondata mis-Sur Thomas Debattista sabiex il-Kunsill japplika taħt l-iskema SPI/SCI/4/2023 sabiex ikun jista' jibbenifika minn fondi għal CCTVs ġewwa l-Ġnien Joanne. Semma li dan il-ġnien qed ikun rinovat u għaldaqstant importanti li jkun sigur u mħares minn kull vandaliżmu. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Debbatista, il-Kunsill approva li għandha tiġi sottomessa applikazzjoni.
Mozzjoni annessa mal-Minuti mmarkata Dok B.

60.5.4 Is-Sur Ismael Dalli talab li jkun skużat mil-laqgħa 19:02

**60.5.5 Laqgħa Infrastruttura Malta – proġett tal-Barrani**

Is-Sindku semma li kienu mistiedna mill-Infrastruttura Malta għal-laqgħa rigward il-proġett tal-Barrani. Semma li hemm skedata wkoll sabiex issir triq fil-parti t' isfel ta' Ħal Tarxien li tmiss ma' Triq il-Barrani. Semma li din it-Triq ġejja tinfed ma' wara tal-iskola. Wara diskussjoni li saret bejn dawk preżenti kien konkluż li l-Kunsill għandu jerġa' jiltaqa' ma' Infrastruttura Malta kif ukoll issir laqgħa pubblika mar-residenti fuq is-suġġett imsemmi.

**60.5.6 Laqgħa Awtorita' ta' Djar**

Is-Sindku semma li kien hemm laqgħa mal-Awtorita' ta' Djar sabiex ikun hemm għajnuna finanzjarja sabiex ikunu rinovatti żoni tal-housing fil-lokal. Semma li huwa kien semma i għandu jkun hemm rinovazzjoni fiż-żona fejn hemm l-kerrejja kif ukoll l-housing estate ta' Triq San Franġisk u Triq Ġan Anton Tanti.

**60.5.7 Fixed Assets Register**

Is-Sindku semma li minħabba l-proġett tal-grawnd tal-football irid jitnadaf dak kollu li kienqed jinxteħet fil-grawnd. Semma li kien hemm xi bandli antiki, bankijiet imkisra, biċċiet tal-ħadid

ieħor li nqala' minn madwar il-lokal. Semma li huwa diffiċli li wieħed jidentifika fejn kienu l-affarjiet imma talab sabiex dawn ikunu jistghu jintremew peress li l-Kunsill daqt ser jibda l-proġett tal-grawnd.

Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Thomas Debattista, il-Kunsill qabel li għandhom jintreme u jitneħħew mil-FAR l-affarjiet li hemm mormija fil-grawnd.

**60.5.8 Latrini Awtomatiċi**

Is-Sindku semma li kien hemm skema maħruġa mir-Reġjun Port sabiex il-Kunsill jidentifika latrina u ssir awtomatika. Is-Sindku propona li dan ix-xogħol għandu jsir fuq l-latrina ġewwa Triq it-Tempji Neolitiċi. Fuq propost atas-Sindku ssekondata mis-Sur Debattista, il-Kunsill approva dak propost. Is-Sindku semma li kienet ser issir laqgħa mal-Perit fuq il-post.

**60.5.9 Numri ta' Bibien ġodda**

Is-Sindku li kien hemm komunikazzjoni li kienu inbidlu xi numri fuq wħud mil-bibien. Semma li ser tittella' komunikazzjoni fuq il-midja soċjali.

**60.5.10 Fondi Norveġiżi**

Il-Sindku li l-proġett ta' Ġnien Joanne kien mixi sew. Semma li l-Kunsill mhux ser ikun qed joħroġ is-sejħa għax-xiri ta' siġġijiet, palk, dawl u u sound imm kien ser jara kif ser jiġbor kwotazzjonijiet minħabba li l-ispiża kienet taħt l-€5,000 kif ukoll dawn kienu minn suppliers differenti.

Is-Sindku propona li attivita' ssir għal żmien il-Milied.

**60.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

60.6.1 Is-Sur Thomas Debattista semma li kien hemm ilment ta' residenta li din kellha post magħluq li kif kienu qed jagħmlu t-triq ġewwa Triq Santa Marija kienu kissrulha d-dranaġġ. Semma li huwa kien qed jipproponi sabiex il-Kunsill iħallas għal dawn l-ispejjeż li kienet ser issofri din ir-reisidenta peress li l-każ ilu ftit u l-granzija tal-kuntrattur kienet għalqet.

Fuq proposta tas-Sur Debattista issekondata mis-Sindku, kien hemm qbil li l-Kunsill jiġbor kwotazzjonijiet sabiex jara kemm ser jiswa dan ix-xogħol.

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

60.5.3 Is-Sur Christian Pace semma li xtaq jippreżenza pjanta u dokument proposta ta' Heritage Trail ġewwa Ħal-Tarxien. Semma li bħala parti mit-trżi tal-istudju tiegħu huwa kien fassal din it-trail u jixtieq li jagħddijha lill-Kunsill Lokali sabiex jimplimetaha. Dan il-proġett jagħti jgħin lill-lokal sabiex jiġbed aktar turisti lejh.

Semmew li dan ikun proġett interessanti u li għandu jkun inkorporat ma' diversi aspetti oħrajn fosthom li jkun ikkumpanjat ma' proġett audio-viżiv.

Is-Sur Pace semma li aktra 'l quddiem ser jagħddi kopja aġġornata ta' dan il-proġett.

**60.6 Aġġornament**

60.6.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20:00, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ħamis, 31 t' Awwissu 2023 fil-18:00 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

Joseph Abela Galea

Sindku

Lianne Cassar

Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dok A.






Proposed Layout (1:10000)

## Legend

| | |
|---|---|
| FLOW | Proposed traffic flow |
| | Proposed line markings |

Transport Malta
23 MAR 2023
APPROVED

tm Transport Malta

| | | | |
|---|---|---|---|
| PROJECT TITLE: Traffic Management | | | |
| STREET: Triq Napuljun Caruana Dingli | | | |
| LOCATION: Tarxien | | | |
| DATE: 23.03.2023 | FILE No: - | DRAWING No: - | |
| SHEET SIZE: A3 | SCALE: 1:000 | REVISION: A | SHEET No: 1 of 1 |
| CHIEF OFFICER: K.F. | | | |
| ARCHITECT: A.C. | | | |
| CHECKED BY: A.H. | | | |
| DRAWN BY: S.A. | | | |
| Comp. PathP: - | | | |

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

## Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien Nu 60

## Riżoluzzjoni

## SPI/SCI/4/2023

## Skema Finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati

Il-Ħamis, 20 ta' Lulju 2023

Lis-Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Tarxien

Jiena, is-Sindku s-Sur Joseph Abela Galea, qed nagħddi din ir-reżoluzzjoni sabiex il-Kunsil Lokali jissottometti applikazzjoni taħt l-iskema SPI/SCI/4/2023 Skema Finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati sabiex issir proġett ta' CCTVs li jaħdmu bl-enerġija solari fi Ġnien Joanne Garden. .

Grazzi u tislijiet

| | |
|---|---|
| Proponent | Sekondant |
| Joseph Abela Galea | Thomas Debattista |
| Sindku | Kunsillier |

*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY –LIANNE CASSAR*

DOK 8